



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Frar 2024
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0200(COD)

6712/24
ADD 2

LIMITE

CADREFIN 39
CODEC 533
POLGEN 42
FIN 164
COEST 124
UA PLATFORM 8
ELARG 16
NDICI 7
RELEX 211
ECOFIN 207

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għall-Ukrajna (l-ewwel qari) = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar in-nomenklatura baġitarja xierqa għall-Faċilità għall-Ukrajna

Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali u għas-setgħat tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-abbozz ta' baġit, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien ta' mill-inqas linja baġitarja waħda għall-Pilastru I tal-Faċilità għall-Ukrajna, żewġ linji baġitarji taħt il-Pilastru II, inkluż għall-proviżjonament tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni għall-Garanzija għall-Ukrajna stabbilit skont il-Kapitolu IV tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Ukrajna, tliet linji baġitarji taħt il-Pilastru III għall-assistenza tal-Unjoni għall-adeżjoni u miżuri oħra, is-sussidji għall-kostijiet tas-self u l-proviżjonament tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni – Legat, u linja baġitarja speċifika għan-nefqa tal-assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Faċilità.

Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni relatata man-natura eċċezzjonali tal-Faċilità għall-Ukrajna

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqsmu l-fehma li l-Faċilità għall-Ukrajna hija strument eċċezzjonali fuq medda ta' żmien medju ta' importanza ġeopolitika kbira adattat għall-inċertezza u l-isfidi bla preċedent biex jingħata appoġġ lil pajjiż li jinsab fi gwerri b'implikazzjonijiet diretti għas-sigurtà tal-Unjoni. B'riżultat ta' dan, il-Faċilità għall-Ukrajna ttipprovdi bilanċ bejn il-flessibbiltà u l-programmabbiltà tar-rispons tal-Unjoni biex tindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament tal-Ukrajna, il-ħtiġijiet ta' rkupru, rikostruzzjoni u modernizzazzjoni, filwaqt li tappoġġa l-isforz ta' riforma tal-Ukrajna bħala parti mill-perkors tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni. L-oġġettivi, il-finanzjament u l-arranġamenti ta' governanza miftiehma għall-Faċilità għall-Ukrajna jwieġbu għall-kuntest u l-isfidi eċċezzjonali u speċifiċi li fir-rigward tagħhom ġiet adottata din il-Faċilità partikolari.

Għalhekk, din is-soluzzjoni għall-Ukrajna ma għandhiex titqies bħala preċedent għal strumenti futuri ta' assistenza ekonomika lil pajjiżi terzi.